# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 10 ta' Jannar, 2002.
Il-Pulizija,
(Spetturi Jeffrey Cilia u
Dennis Theuma)
vs
Joseph Sammut, Roberto Romano,
Charles Caruana u Sarah Caruana.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:

Joseph Sammut ta' 22 sena bin Kalcidon u Catherine née Agius, imwieled San Giljan u residenti 16, Triq il-Fraxxnu, Ta' Giorni, karta ta' identita` numru 386579(M);

Roberto Romano ta' 17 il-sena bin Raymond u Josephine née Zammit, imwieled Pieta u residenti, 'Marshfields', 19, Triq A. Xuereb, San Gwann, ta' karta ta' identita` numru 262984(M);

Charles Caruana ta' 29 sena bin Victor u Katy née Zammit, imwieled Pieta` residenti, 'Cerviola Flats', Flt 2, Triq Wistin Born, M'Scala, tal-karta ta' l-identita` numru 471571(M);

Sarah Caruana ta’ 26 sena, mart Charles, bint Lloyd u Josephine née Prunt, imwielda Londra, residenti "Cerviola Flts", Flt 2, Triq Wistin Born, M’Scala, tal-karta ta’ l-identita` numru 9739 (A) ;

Akkuzati talli:

1. Fil-konfront ta’ Joseph Sammut u Roberto Romano wahedhom:

(a) F’Birkirkara fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Settembru 2001, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom diversi ‘mobile phones’ u ‘top up cards’ mill-fond kummercjali bl-isem ta’ ‘Mobile Com’ sitwat fi Triq Ganu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lml,000) u hin, u li sar ghad-detriment ta’ Ammar El-Sadi;

(b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fl-aperturi ta’ l-istess fond kummercjali, liema hsara tammonta ghall-aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan ghad-detriment ta’ Ammar El-Sadi;

2. Fil-konfront ta’ Joseph Sammut, Roberto Romano, Charles Caruana u Sarah Caruana:

(a) Fis-26 ta’ Settembru 2001 u fil-gurnata ta’ qabel din id-data, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. Fil-konfront ta’ Charles Caruana wahdu:

(a) kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fid-29.05.2001, b’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar;

4. Fil-konfront ta’ Sarah Caruana wahedha:

(a) kisret il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fl-14.12.2000, b’liema sentenza kienet giet misjuba hatja ta’ reat u liberata taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn;

(b) oltre irrendiet ruhha recidiva ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19.10.00, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali rigward kull imputat fejn iddecida li jibghathom biex jigu processati quddiem din il-Qorti fin-nuqqas ta’ oggezzjoni minn naha ta’ kull wiehed u wahda minnhom b’dan pero` li qabel ma jiddikjaraw ghandhomx oggezzjoni tisma’ kull prova li ggib il-pulizija;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha partikolarment l-verbal ta’ l-10 ta’ Dicembru 2001 fejn l-imputati rregistraw ammissjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputati kif ben jirrizulta mill-istqarrijiet taghhom u l-provi prodotti kkommettew ir-reati lilhom addebitati skond l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali li jispekkjaw l-akkuzi fl-att ta’ l-akkuza.

L-ammissjoni ta' kull imputat/a saret volontarjament u inkondizzjonatament u jirrizulta li l-imputat Roberto Romano kien fid-data li twettaq ir-reat minorenni.

Wara li l-Qorti rat l-ammissjonijiet u l-fedina penali ta' kull imputat u l-fatt li r-refurtiva giet fil-maggior parti taghha restitwita, hi tal-fehma li m'ghandhiex tapplika l-piena ta' prigunerija molto piu` meta l-imputati huma jigu sorveljati minn ufficjal ta' 'probation'. Hi l-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk li ma tfixkilx dan l-istat sakemm l-imputati jikkoperaw u jkomplu fi triq it-tajba li jidher li qabdu kif stqarrew l-ufficjali tal-'probation'.

Ghalhekk qeghdha tadotta s-segwenti piena fil-konfront ta' l-imputati, billi:

(a) Fil-konfront ta' l-imputat Charles Caruana filwaqt li issibu hati ta' ricettazzjoni u li kiser l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 billi tqeghdu taht 'probation' skond l-Artikolu 5 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' tlett snin mil-lum u taht il-harsien ta' l-ufficjal tal-'probation' Mary Grace Vella, wara li rat l-Artikolu 344 tal-Kap 9 u l-Artikolu 10(1) (a) tal-Kap 152 gia` imsemmi.

(b) Fil-konfront ta' l-imputata Sarah Caruana fil-waqt li issibha hatja ta' ricettazzjoni u li ksret l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 billi tqeghdha taht 'probation' skond l-Artikolu 5 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor f'perjodu ta' tlett snin mil-lum u taht il-harsien ta' l-ufficjal tal-'probation' Mary Grace Vella, wara li rat l-Artikolu 344, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152.

(c) Fil-konfront ta' l-imputat Joseph Sammut fil-waqt li issibu hati ta' serq aggravat bil-mezz, valur u hin u ta' hsara volontarja billi tqeghdu taht probation skond l-Artikolu 5 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' tlett snin mill-lum u taht il-harsien ta' l-ufficjal tal-'probation' Mary Grace Vella, wara li rat l-Artikolu 261(b) (c) (f) , 263, 267, 270, 278, 279, 280, 325 u 17 tal-Kap 9.

(d) Fil-konfront ta' Roberto Romano fil-waqt li issibu hati ta' serq aggravat bil-mezz, valur u hin u ta' hsara volontarja u hadet l-eta` minorenni tieghu, billi tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat zmien tlett snin mil-lum, wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 280, 325, 17 u 37 tal-Kap 9.

A.M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ittraskrivejt fedelment u onestament ir-registrazzjoni tat-tape.

Albert Calleja
Dep. Registratur.